

Brussell, 20 ta' Mejju 2025
(OR. en)

8355/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0099(NLE)

POLCOM 79
SERVICES 22
FDI 8
COASI 59

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ Fieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand, fir-rigward ta' emendi għal dak il-Ftehim dwar il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq ix-xogħol
----------	--

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) .../...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fi ħdan il-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles
bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand,
fir-rigward ta' emendi għal dak il-Ftehim dwar il-prinċipji
u d-drittijiet fundamentali fuq ix-xogħol**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mil-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand ("il-Ftehim")¹ ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/244² u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2024.
- (2) Skont l-Artikolu 24.2(2), il-punt (i), tal-Ftehim, il-Kumitat għall-Kummerċ, stabbilit bl-Artikolu 24.1(1) tal-Ftehim, jista' jadotta deċiżjonijiet biex jemenda l-Ftehim. Skont l-Artikolu 24.3, il-punt (j), tal-Ftehim, il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jiddeċiedi li jemenda l-Artikolu 19.3(3) u (4) tal-Ftehim li jikkonċernaw standards u ftehimiet multilaterali tax-xogħol.
- (3) Skont l-Artikolu 19.3(4) tal-Ftehim, il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jadotta, mhux aktar tard mill-ewwel laqgħa tiegħu, deċiżjoni biex jemenda l-Artikolu 19.3(3) tal-Ftehim biex jirrifletti l-inklużjoni ta' ambjent tax-xogħol sikur u tajjeb għas-saħħa fil-qafas tal-prinċipji u d-drittijiet fundamentali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol ("ILO"). fuq ix-xogħol.

¹ ĠU L, 2024/866, 25.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2024/866/oj.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/244 tas-27 ta' Novembru 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand (ĠU L, 2024/244, 28.02.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/244/oj>).

- (4) Il-Kumitat għall-Kummerċ, matul l-ewwel laqgħa tiegħu, għandu jadotta deċiżjoni biex jiġi emendat l-Artikolu 19.3(3) tal-Ftehim sabiex jiżdied ambjent tax-xogħol sikur u tajjeb għas-saħħa mal-lista ta' prinċipji u drittijiet fundamentali fuq ix-xogħol f'dak l-Artikolu f'konformità mar-Riżoluzzjoni I³ adottata fl-10 ta' Ġunju 2022 mill-110 Konferenza Internazzjonali tax-Xogħol. Jenħtieġ li r-referenza għad-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol fl-Artikolu 19.3(3) tal-Ftehim tiġi aġġornata wkoll sabiex tiġi allinjata mal-emenda l-aktar reċenti għal dik id-Dikjarazzjoni.
- (5) Wara l-emenda li għandha ssir fl-Artikolu 19.3(3) tal-Ftehim, id-dikjarazzjoni fin-nota f'qiegħ il-paġna għall-Artikolu 19.3(5) li l-Istati Membri kollha rratifikaw il-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO ser issir obsoleta. Għalhekk huwa xieraq li titħassar dik in-nota f'qiegħ il-paġna.
- (6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat għall-Kummerċ, peress li d-deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ fir-rigward tal-emendi għall-Ftehim dwar il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq ix-xogħol ser tkun vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (7) Jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ għalhekk tkun li tappoġġa l-adozzjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ li jinsab mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

³ Riżoluzzjoni dwar l-inklużjoni ta' ambjent tax-xogħol sikur u tajjeb għas-saħħa fil-qafas tal-ILO tal-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol (ILC.110/Resolution I) https://www.ilo.org/sites/default/files/wcmsp5/groups/public/%40ed_norm/%40relconf/documents/meetingdocument/wcms_848632.pdf.

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit bl-Artikolu 24.1(1) tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
